*L-Artikolu 135(1)(d) u (f) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li tali provvisti ta' servizzi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.*

(1) ĠU C 245, 28.7.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-22 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – PPUH Stehcemp sp. j Florian Stefanek, Janina Stefanek, Jarosław Stefanek vs Dyrektor Izby Skarbowej w Łodzi**

**(Kawża C-277/14)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Sitt Direttiva — Dritt għal tnaqqis — Rifjut — Bejgħ minn entità meqjusa ineżistenti)***

(2015/C 414/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* PPUH Stehcemp sp. j Florian Stefanek, Janina Stefanek, Jarosław Stefanek

*Konvenut:* Dyrektor Izby Skarbowej w Łodzi

**Dispożittiv**

*Id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE, tas-7 ta' Mejju 2002, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrifjuta lil persuna taxxabbli d-dritt li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta jew imħallsa għal oġġetti li ġew provduti lilha minħabba li l-fattura nħarġet minn operatur li għandu jitqies, fid-dawl tal-kriterji previsti minn din il-leġiżlazzjoni, li huwa operatur ineżistenti u li huwa impossibbli li tiġi stabbilita l-identità tal-fornitur reali tal-oġġetti, ħlief jekk jiġi stabbilit, fid-dawl ta' elementi oġġettivi u mingħajr ma l-persuna taxxabbli tiġi obbligata twettaq verifiki li ma hijiex obbligata twettaq, li din il-persuna taxxabbli kienet taf jew kellha tkun taf li l-imsemmija provvista kienet involuta fi frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.*

(1) ĠU C 303, 08.09.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – New Media Online GmbH vs Bundeskommunikationssenat**

**(Kawża C-347/14)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2010/13/UE — Kunċetti ta' "programm" u ta' "servizz tal-media awdjoviżiva" — Determinazzjoni tal-għan prinċipali ta' servizz tal-medja awdjoviżiva — Paragunabbiltà tas-servizz max-xandir televiżiv — Inklużjoni ta' vidjos qosra f'sezzjoni ta' sit ta' gazzetta disponibbli fuq l-internet)***

(2015/C 414/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof